***Kunsill Lokali Marsaskala***
Ġnien Sant'Anna, Pjazza Dun Tarċis Aguis, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**ID-DISA` LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 11**

**It-Tnejn 15 t'April 2025.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta ġewwa l-uffiċini tal-Kunsill fis-6.00 ta' filgħaxija u mxandra fuq il-website tal-Kunsill.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Beverly Saliba – Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier
Celine Camilleri – Kunsillier
Francis Gilford – Kunsillier
Jesmond Abela - Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**11.1** ***<u>Qari t'aploġija:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma kienx hemm l-ebda ittra ta' apoloġija.

**11.2** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 10 li saret Nhar it-Tnejn 10 ta' Marzu 2025:</u>***

**11.2.1.1** Il-Kunsillier is-Sur Francis Gilford tkellem fuq paġna 4 artiklu 10.2.2.11 għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

"Is-Sindku tkellem fuq paġna 6 paragrafu 9.6.3 rigward il-proġett li ser jsir fil-Bajja San Tumas minn Infrastructure Malta. Huwa spjega li kellu laqgħa mall-Perit ta' Infrastructure Malta flimkien mall-Kunsillier is-Sur Francis Gilford, fejn waqt il-laqgħa preżentaw pjanta li qed tiġi proposta sabiex minn fejn jispiċċa t-tarmak sa fejn tibda it-triq li tgħati għat-telgħa ta San Gejtanu minn taħt iċ-ċint u in-naħa ta barra jsir *aggregate plastic cells* li jservi bħala parkeġġ magħruf bħala *grasscrete*. Filwaqt illi fin-nofs tiegħu jsir grasscrete minn fejn jgħaddi t-traffiku u dan jibqa sejjer sa ma jibda il-Munxar."

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati hekk kif emendati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekonda l-Kunsillier is-Sur Jesmond Abela. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

**11.2.2** **<u>Matters Arising tal-Minuti: Laqgħa 10 li saret Nhar it-Tnejn 10 ta' Marzu 2025:</u>**

**11.2.2.1** Il-Kunsillier is-Sur Francis Gilfors tkellem fuq paġna 4 artiklu 10.2.2.11 u qal illi hemm ħafna sidien privati però biss zewġ sidien biss resqu quddiemu.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi dik l-area hi ta' familja waħda u qalet illi kellima l-Ministru u saqsija sabiex il-Kunsillier is-Sur Francis Gilford jgħaddi l-kuntatti li għandu u ħa jkellimom il-Ministru.

Is-Sur Francis Gilford qal illi kellem lil Perit u saru arranġamenti sabiex is-sidien jiltaqgħu miegħu u hekk sar. Is-Sur Gilford qal illi oġġezzjonijiet ma kienx hemm lanqas mis-sid anzi ħa gost li ser issir it-triq.

Il-Vici Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi l-problema tagħhom ma kinitx li ħa ssir it-triq iżda li ħadd ma nfurmhom.

**11.2.2.2** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 2 artiklu 10.2.2.4 jekk irċivejniex xi feedback fuq l-ilma ta Triq il-Gross.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi ma rċieva l-ebda feedback però jerġgħa jivverifika.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb jivverifika għaliex jekk baqa ma sar xejn hu ser ikollu jimxi mod ieħor.

**11.2.2.3** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 3 artiklu 10.2.2.5 it-tieni paragrafu jekk it-tabelli ġewx approvati.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi ġew approvati.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri saqsa min ser iwaħħalhom u tajjeb nivverifikaw sabiex isiru.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi irċieva risposta li ser jitwaħħlu min naħa tagħhom.

**11.2.2.4** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 3 artiklu 10.2.2.5.1 jekk il-Kunsill ta' Ħaz Zabbar tawnix risposta għaliex il-ħaxix invaziv sar siġar u ser joqtol kollox.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ser jerġgħa jibgħat email għaliex ma rċivejniex l-ebda risposta.

**11.2.2.5** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 3 artiklu 10.2.2.6 u qal illi l-bankina ta' Triq iz-Zonqor u ta' faċċata tagħha tlestit.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi faċċata in-naħa tal-kapella għandha tittranġa però hemm ħafna spralli.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi biċċa kienet saret mill-Kuntrattur Stellini u biċċa oħra min Catbros u fadal biċċa zgħira li tista issir anke mill kuntrattur tagħna.

**11.2.2.6** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 4 artiklu 10.2.2.10 jekk kienx hemm xi update fuq Triq is-Silla.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ser issir it-triq mill-ġdid.

**11.2.2.7** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 4 artiklu 10.2.2.11 qal illi l-wave breakers ma jidrux sbieħ u staqsa jekk hux ser jibqgħu hekk.

Il-Kunsillier is-Sur Francis Gilford qal illi ser jivverifika fuqha.

**11.2.2.8** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 5 artiklu 10.3.4 u jekk kellnix xi feedback mis-Sur Mario Mallia rigward l-istruttura tal-bandli.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi din qed issir *tailor made* għalina però ser jerġgħa jkellem lill kuntrattur.

**11.2.2.9** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 5 artiklu 10.3.6 u staqsa lis-Sindku għandux informazzjoni u jekk hemmx xi pjanti.

Is-Sindku qal illi ser jibqa kollox kif inhu però li ser jgħamel ser jinqalaw 15-il palma u ser jgħamlu *pilot Project* u ser jirranġaw il-moll però pjanti għad ma hemmx.

- ***Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud daħlet għal laqgħa fis-6:30pm.***

**11.2.2.10** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 8 artiklu 10.9.2 jekk kienx hemm xi feedback fuq Triq il Qaliet.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi hu bgħat ir-rapport li batlu l-Perit però għadu bla risposta.

**11.2.2.11** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 10.9.2.1 fejn qal illi ġab sample fejn dan jinzebaħ fuq il-bankina sabiex ma tibqax tiżloq u jekk tirnexxi niffrankaw ħafna flus.

**11.2.2.12** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 8 artiklu 10.9.3 fejn staqsa jekk bgħatnix rikjesta lil KOPTASIN sabiex isiru *road markings* neċessarji fi Triq iz-Zonqor.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi r-rikjesta saret.

**11.2.2.13** Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri tkellmet fuq paġna 2 artiklu 10.2.2.2.

- **Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ħareġ mil laqgħa fis-6:40pm**

Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri qalet li ser jibda ix-xogħol fuq it-telephone box għal Mejju però sid il-ħanut jixtieq ittra uffiċċjali mill-Kunsill fejn tgħadi li qed ntuh il-permess sabiex isir dan ix-xogħol.

Kien hemm qbil.

**11.2.2.14** Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri tkellmet fuq paġna 3 artiklu 10.2.2.5 qalet illi marret timmarka l-konok fejn ma hemmx dawl u fejn il-bankina mhijiex dejqa fi Triq il-Blajjiet u ser isiru xi 15-il konka.

Il-Kunsill qabel li jsiru mill-kuntrattur tagħna qabel ma jiġu tal-project Green iħawwlu s-siġar.

**11.2.2.15** Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba qalet illi qeda fil-proċess li tiġbor l-istimi għal festa melħ kif ukoll qed titkellem ma xi nies min Torri Mamo u wara l-Għid ser tmur tara l-post u jiffinalizzaw kollox.

**11.2.2.16** Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba qalet illi ser tieħu grupp ta 21 ruħ jaraw il-wirja fil-Birgu u anke l-purċissjoni.

**11.2.2.17** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 5 artiklu 10.3.7 fejn qal illi kien hemm tlett kumpaniji tal-films li taw donazzjoni ta €1000, €500 u €800 sabiex użaw partijiet mil-lokalita għal *filming*.

**11.3** **<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>**

**11.3.1** **<u>Prize Day books for St Thomas Moore College (35/1008/25/I):</u>**

Is-Sindku qal illi bil-flus li l-Kunsill daħħal mid-donazzjonijiet tal-filming ser imorru biex nħallsu l-kotba tal-iskola.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi m'għaniex inħarsu lejha b'dan il-mod għaliex il-Kunsill għandu bżonn ħafna flus fuq affarijiet oħra u f'kull flus li jidħlu min affarijiet mhux budgeted ma jixtiqx li nuzawhom mingħajr ħsieb.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech fakkar lil Kunsilliera li is-sena l-oħra għalaqna b'*defecit* u l-ispejjez tal-Kunsill kibru u anke l-attivitajiet kibru.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-iskola nefqu €539 fuq kotba għal prize day u saqsew lill-Kunsill jekk jistgħax jgħati għajnuna anke jekk mhux l-amont kollu pero hu jħoss li għandna ngħatu l-flus kollha.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi tajjeb li din ma tkunx in-norma għaliex qed tiġri ta' kull sena.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu kien mistieden l-iskola u ra kemm daw l-istudenti qed jieħdu taħriġ tajjeb immens u jħoss li din hi għajnuna zgħira li l-Kunsill għandu jgħati.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Errol Cassar daħal għal laqgħa fis-6:50pm.***

Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba qalet illi tajjeb noqgħodu attenti ma jmurx l-iskola l-oħra tkun trid il-flus ukoll.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi hu ma jsibx problema pero ninfurmawhom illi dan ma jfissirx li ħa issir kull sena. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi għandhom jibgħatu r-rikjesta tagħhom umbagħad il-Kunsill jiddeċiedi fiex ikun dak iz zmien.

Il-Kunsillier is-Sinjura Beverley Saliba qalet illi hi attendit l-attivita tal-iskola u fil-kumitat u sotto kumitat hemm zewg *assistant heads* u offrew li jiktbu diska biex ikantawha dakinhar ta' festa melħ.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi tajjeb li dawn lesti li jgħinu anke lilna għalhekk jemmen li d-donazzjoni tgħamel aktar sens.

Kien hemm qbil li nħallsu l-ammont sħiħ.

11.3.2 **<u>PA/04581/23 18/20 Triq San Ġwakkin Marsaskala:</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Kunsill kien tefa l-oġġezzjoni tiegħu għal din l-applikazzjoni.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi bgħatu sabiex jaraw jekk il-Kunsill hux ser ikun preżenti però din is-seduta qeda online.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi s-seduta hi skedata fis-6 ta' Mejju 2025.

Kien hemm qbil li nattendu *online* għal din is-seduta.

11.3.3 **<u>Walk for hope (35/0943/25/O):</u>**

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu lest li jgħin f'din l-attivita' forsi jkollhom bżonn xi dawl għal PA.

Il-Kunsillier is-Sinjorina Janice Falzon qalet illi f'Marsaskala hawn NGO ġdida jisima Marsaskala run club.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jridu li ngħalqu parking għalihom.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal ma jixtieqx jaqla polemika għaliex m'għandniex nħalluh miftuħ għal kulħadd.

Il-Kunsillier is-Sinjorina Beverly Saliba qalet illi huma jkollhom l-armar tagħhom.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi jekk għandhom l-armar tagħhom hekk mod ieħor.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal mhux ċert liema parking area jridu li ngħalqu.

Kien hemm qbil li nistaqsu liema parkeġġ jixtiequ li ngħalqu għalihom.

11.3.4 **Speed camera assessment Triq id-Daħla ta' San Tumas (35/0919/25/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi TM ma aċċettawx però bgħatulna soluzzjonijiet oħra li nistgħu ngħamlu

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal tajjeb li nerġgħu ngħidu lil TM sabiex jerġgħu jitwaħħlu r-road humps.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi jekk konna qlajna minnhom TM mhux ser jerġgħu jgħamluhom.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hemm partijiet minnhom li nqalgħu hemm waħda ħdejn il-beanos u tnejn ħdejn Wied iz-Ziju.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilelri qal f'dik it-triq vera hemm sewqan perikoluż.

Il-Kunsillier is-Sur Francis Gilford qal illi kien hemm approvazzjoni biex issir sleeping policeman ħdejn iz-Zion u l-oħra ħdejn ir-ramla u xtaq jistaqsi kif bqajna fuqha.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal ser jiċċekja fuqha.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri saqsa jekk tawnix permess għal zebra crossing.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi ser jitlob li jibagħtu siteplan ezatt fejn qed jipproponu għaliex mhux ċara.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal nistgħu nitolbu laqgħa on site.

Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri qal illi r-road hump int u dieħel San Tumas hija għolja ħafna.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi meta staqsiet qalula li kienet kif suppost.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi ma kinux tawna permess biex issir *road hump zebra crossing* għaliex ma hemmx bankina u jekk issir bankina ser nitilfu ħafna parkeġġ din kienet ġa diskussa.

Kienet hemm qbil biex isir meeting fuq il-post ma TM.

11.3.5 **Allokazzjoni ta' €3000 għat-tiswija tal-qtates u ikel:**

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi din issir kull sena għal feeders fil-lokalita'.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi ser tkellem anke lis-sidien tal-ħwienet li nagħmlu l-vouchers mingħandhom sabiex tara jistgħux jagħtu xi *cat houses* b'xejn lill-Kunsill.

11.3.6 **SPI.SCI.03.2025 Inizjattiva finanzjarja lokalitajiet aktar nodfa 2025:**

Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri qalet illi din hi skema biex issir *clean up* f'Settembru u f'dak ix-xahar hemm l-attivita' ta' festa melħ allura tajjeb niddeċiedu fuq ġurnata biex isiru zewġ clean ups.

Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri qalet illi d-dati proposti huma fid-19 ta' Settembru 2025 filgħaxija u 20 ta' September filgħodu. Il-Kunsillier is-Sinjura Celine Camilleri qalet ser issir waħda tat-tfal u l-oħra tal-adulti u l-areas mgħazula huma Triq il-Qaliet min Villa Sant Anna sa San Tumas u l-oħra min ħdejn St Thomas restaurant sa qabel jibda l-Munxar u l-budget hu dak ta €951.00 hemm ukoll inkluza il-promozzjoni għall-pupillu, skips, coloring books u boroz u ngwanti.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

11.4 **<u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:</u>**

11.4.1 **<u>Mistoqsija Nru 005 datata 1/4/25 mill-Kunsillier Dr Patrick Camilleri :</u>**

***''Nixtieq nistaqsi rigwrad l-arranġamenti tat-traffic lights minn Bella Vista għal Triq Sant Antnin, nixtieq nkunu nafu meta ser jiġu implimentati M'hemmx għalfejn nerġu ngħidu imma l-problema biex titla u toħroġ minn Bella Vista tal-biża u qedgħin jiffrustaw ħafna nies''***

Il-Kunsillier Dr Patrck Camilleri qal illi hu flimkien mall Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon marru fuq il-post u taw rapport b'dak kollu li kien rikjest minnhom però min dakinhar l'hawn ma rċivejna xejn minn TM.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-affarijiet jieħdu iz-zmien biex jiġu implimentati.

Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Abela qal illi qat ma tawna żmien meta ħa jsiru.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal hemm proġetti li damu erba snin u fuqhom biex saru.

Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri qal illi jekk ma nsaqsuhomx qatt mhu ser inkunu nafu.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi di problema li dejjem naffaċjaw u dejjem jeħel il Kunsill għal xogħol li jrid isir min dipartimenti oħra. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi r-residenti ma ttijhomx tort però l-Kunsill ma jista jgħamel xejn.

Kien hemm qbil li nerġgħu nibgħatu lil TM.

11.4.2 **<u>Mistoqsija Nru 006 datata 1/4/25 mill-Kunsillier Dr Patrick Camilleri :</u>**

***''Nixtieq anke nkunu nafu meta il-bus shelter fi Triq Snat Antnin ħdejn l-Inspire sejra titlesta'':***

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi irċivejna email li l-*bus shelter* orndat u l-Kunsilliera infurmati b'din l-email.

11.4.2 **<u>Mistoqsija Nru 007 datata 1/4/25 mill-Kunsillier Dr Patrick Camilleri :</u>**

***''Nixtieq nistaqsi rigward l-EV charging points, meta sejrin isiru oħrajn ġodda, ovjamnet Bella Vista ma jeżistux u l-iżjed qrib huma dawk wara l-binja tal-Kunsill'':***

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi hemm lista sħiħa li għandha tiġi implimentata min naħa tal-Ministeru.

**Karnival Sajf 2025:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-Karnival tas-Sajf ser isir fl-24 t'Awwissu 2025.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi s-sena l-oħra bdew jispraw kanuni bil-lastik u din m'għandiex terġgħa issir.

Maryrose qalet illi hi rrapportat u mhux ser terġgħa issir.

- **Fondi mill-SEM:**

Mario qal illi hu flimkien mall-Assistant Prinċipal is-Sinjura Rebecca Micallef marru l-SEM u sa issa suppost ser ikunu kapaċi li jgibu eur30 000 rigward domestic violence.

- **Greċja (ask mario):**

- ***Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri ħareġ mil-laqgħa fit-7:45pm.***

11.5 **Rapporti:**

11.5.1 **Rapport ta' kull kwart 1 (Jannar sa Marzu 2025):**

***Is-Sindku s-Sur Mario Calleja ippropona l-approvazzjoni tar-Rapport ta' kull kwart (Jannar sa Marzu 2025) u Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar u l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri issekonda. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

11.6 **Items oħra ta xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:**

Ma kienx hemm items oħra.

11.7 **Korrispondenza:**

11.7.1 **SPI/SCI/04/2025 Espressjoni ta interess Finanzjament Milied:**

Is-Segretarju Ezekuttiv staqsa lill-Kunsill jekk japprovax illi l-iskema tal-Milied issir fil-budget ta €23,000.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

11.7.2 **Għajnuna finanzjarja avveniment kulturali nar tal-baħar 2025 (35/0894/25/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-għaqda tan-nar ġabu tlett kwotazzjonijiet sabiex issir din l-attivita'.

Kien hemm qbil li tintagħazel l-irħas kwotazzjoni dik tal-Grupp Nar Parrotea Sant Anna.

- ***Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud ħarġet mil-laqgħa fit-8:00pm.***

**11.7.3 Request for road closures and access restrictions for Festa Tonn 2025 (35/0917/25/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-ispejjez huma kollha f'idejhom.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi problema li għandu meta jsiru dawn l-attivitajiet u jingħalqu ċertu toroq hi li għandu jkun hemm xi ħadd li javza lil dawk li jkunu ġejjien mill bypass biex dak li jkun ikun jaf li jista jgħaddi mit-triq l-antika.

Kien hemm qbil li jsiru tabelli ħdejn ta Lourdes li tindika biex tintuza t-triq l-antika għal Marsaskala u mhux il-bypass.

**11.7.4 <u>BBQ ġbir ta' fondi għal Peru:</u>**

Il-Ġimgħa fis-6 ta' Ġunju 2024 ser isir BBQ għal fondi tal-Peru ħdejn il-Kunsill min jixtieq jibbukkja mejda jista jgħamel dan.

**11.7.5 <u>Cir AKL 2025/024 Sistema ta' ġbir ta' karti tal-identita (35/0662/25/I):</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali avviċinawna sabiex jibdew jitqassmu l-karti tal-identita mill-Kunsill.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi hu ma jaqbilx magħha għaliex hija responsabilita'.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi jekk dawn ikollhom in-nies tagħhom u jiġu ġol Kunsill ma jsibx oġġezzjoni.

Il-Kunsillier Dr Errol qal illi kieku hu jsaqsi is-sigurta ta dawn l-id cards min ser jieħu ħsiebha.

Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri qalet illi minflok titla blata l-bajda tiġi l-Kunsill hija eħfef speċjalment għal anzjani.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech iħoss illi għal ftit flus ser ikollna wisq responsabilita'.

Kien hemm qbil unanimu li nistaqsu minn ser ikun responsabli ta' dan ix-xogħol hux il-ħaddiema tal-Kunsill jew inkella ħaddiema mid-Dipartiment tal-ID cards f'dak il-kaz il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni.

**11.7.6 <u>Cir AKL 2025/025 Sistema tal-ħlasijiet tal-kontijiet (35/0663/25/I) (35/0750/25/I):</u>**

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi dawn jistgħu jitħallsu kemm il-posta kif ukoll online.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jkollok nies li jiġu jsaqsu fuq il-kontijiet.

Kien hemm qbil li l-Kunsill ma jaċċettax li l-kontijiet tad-dawl u l-ilma jibdew jitħallsu mill Kunsill.

**11.7.7 <u>Damages sustained to vehicle BRM 999 (35/0669/25/I):</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi rċivejna rapport mingħand individwu li qed jgħid li kellu ħsarat li saru fuq is-saqaf tal-karozza tiegħu minħabba tabella li serħet fuq il-vettura però jekk tħares sew lejn ir-ritratti jidher li t-tabella baqgħet imwaħħla u tinsab ħafna aktar għolja mis-saqaf tal-vettura. Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi hu diġà tkellem mall-avukat tal-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal ukoll li din il-vettura kienet iparkjata fil-kantuniera fuq double yellow line.

Kien hemm qbil unanimu li nkellmu l-Avukat tal-Kunsill sabiex jibgħat ittra lill individwu għaliex ir-ritratt ma jidirx jgħamel sens ma dak li qed jgħid li ġara.

**11.7.8** **LCI 2024 0081 Xatt il-Batterija ta' Rihama PA permit for stairs (35/0444/25/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill Kunsill illi l-Lands informatna li tgħatna l-permess sabiex isir it-taraġ fix-Xatt Batterija tar-Rihama.

**11.7.9** **Objection PA/08068/24 Parking infront of labour party (35/0620/25/I):**

L-egħluq tas-sottomissjonijiet għalaq u għaldaqstant il-kunsill ma setax jissottometti kummenti.

**11.7.10** **Quotation Cactus garden fit-taraġ ta' bejn Triq Sant Anna u Bella Vista:**

Kien hemm qbil li nmexxu bil-kwotazzjoni.

**11.8** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru 11:**

**11.8.1** **Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech għaddha pagament li daħħal tard:**

Mr Jimmy Muscat Inv No 03/25 - €2902.45

***Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Abela ipprona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier Dr Errol Cutajar issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni***

- ***Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon ħarġet mil laqgħa fit-8:15pm***

**11.9** ***Mozzjonijiet:***

**11.9.1** ***Mozzjoni mressqa mis-Sindku – s-Sur Mario Calleja u issekonda s-Sur John B Camilleri (Nru036 -14/3/25):***

*''Jipproponi peress li s-simenta z-zgħira quddiem il-winch fi Triq iz-Zonqor qed tiġi abbużata minn xi sidien tad-dgħajjes li l-opra tal-baħar tagħhom ma tintużax għal skop ta' sajd full jew part time, hemm bżonn jitwaħħlu tabelli kif ġej.*

*Only MFA and MFB vessels are authorised on this concrete area."*

Dr Errol qal tajjeb nicekjaw li t-tabella tkun standard ma jmurx jgħidulna li ma tgħoddx.

Kien hemm qbil li din it-tabella issir però ikollna l-approvazzjoni min TM.

**11.9.2** ***Mozzjoni mressqa mis-Sindku – s-Sur Mario Calleja u ssekonda s-Sur John B Camilleri (Nru037 -24/3/25):***

*'' Minkejja l-isofrzi li ilhom isiru mal-Awtoritajiet biex jinqatg]u l-abbużi u vetturi tqal u makkinarju ieħor ma jgħaddux minn Triq iż-Żonqor mid-direzzjoni tal-Pjazza lejn l-ekx pixxina ma wasalniex. Qed nistennew xi nċident. Tkissir tal-bankina kif ukoll li residenza fil-kantuniera intlaqtet kemm il-darba. Mhux okkażjoni waħda li flok iduru mal-kantuniera jibqgħu għaddejjin kontra il-one way. Għaldaqstant jien qed niproponi li ninstallaw cameras fejn latrina ta taħt il-knisja u dawk il-vetturi tqal li jabbużaw u jgħaddu minn hemm jiġu mħarka."*

Kien hemm qbil.

**11.9.3** ***Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri u ssekonda s-Sindku s-Sur Mario Calleja ( Nru 039-7/4/25):***

''Jipproponi li issa li x-xitwa għaddiet nibdew il-patching li f'kull triq li għandha bzonn. Liema patching issir bil-hot asphalt u jitħallew barra dawk it toroq biss li ħa jsiru mill ġdid din is-sena.''

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hawn ħafna toroq b'ħofor kbar u li għandhom isiru mill-kuntrattur tal-patching.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-kuntrattur magħzul pero għadu ma għamilx garanzija bankarja u għandu l-makkinarju bil-ħsara.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi fl-opinjoni tiegħu għandna ntuh ġimgħa biex jiffirma l-kuntratt u jkun jista jibda x-xogħol inkella inmorru għal bidder ta' wara.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi is-second bidder huwa *over the estimated budget.*

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi illum l-ġurnata iġġib parts ta gaffa faċli u mhux skuza li m'għandux biex jaħdem.

**11.9.4** ***Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri u ssekondat il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba ( Nru 040-7/4/25):***

''Jipproponi li nagħmlu manutenzjoni li hemm bżonn issir fil-latrina ta taħt il-Knisja. Fost il-ħsarat hemm bżonn jinbidel il-madum miksur.''

Kien hemm qbil li nkellmu lill MTA sabiex naraw jistgħux jgħinuna biex issir lattrina min barra u min ġewwa u jekk ma jgħinuniex il-Kunsill iġib stimi u jipprova jgħamila mill-budget tal-Kunsill.

**11.9.5** ***Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri u ssekondat il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba ( Nru 041-7/4/25):***

'Jipproponi li nagħmlu pressjoni sabiex jinbidlu il Fanali ta Triq San Gorg. Kien hemm wieħedli waqa fil-baħar u hemm xi 4 oħra fi stat ħażin ħafna .''

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi inqala arblu u tqaċċat arblu u jidher li ser jinqalgħu tlieta oħra ukoll għaliex anke kellmu lis-Sur Joe Borg fuqhom, hu qal li dak li inqala jisewwa pero diġa ħadna wieħed għar refurbishment u għadna ma nafux kem ser jiswa.

Kien hemm qbil li naqilgħu dawk li hemm u nirranaġawhom.

**11.10** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss:**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-8.45pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar l-Erbgħa 14 ta' Mejju 2025 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 15 t'April 2025.

*IFFIRMAT* *IFFIRMAT*

______________ ______________

**Josef Grech** **Mario Calleja**
**Segretarju Ezekuttiv** **Sindku**